Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

Data tal-laqgħa: 21 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku (wasal fil-4.55pm)
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Daniel Muscat Caruana

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Daniel Muscat Caruana (annessa – Dok 1) li talab li jkun skużat mill-laqgħa minħaba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 u tal-Laqgħa Numru 58 – Laqgħa Annwali tal-Lokalita' 2018

59.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 u tal-Laqgħa Numru 58 – Laqgħa Annwali tal-Lokalita' 2018. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

59.2.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab li jiżdiedu dawn il-kliem: 'Is-Sur Zammit Marmara' ilmenta wkoll mill-fatt li hemm min minn barra l-Kunsill qed jagħmel kapital politiku partiġjan mid-diffikultajiet ta' dan il-proġett billi kull darba jinfurma lill-*Net News* biex dawn iġibu rapport' ma' punt 58.3.10.

59.2.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab ukoll li jiżdiedu dawn il-kliem: 'Il-*Minority Leader* Laburista ma jaqbilx fuq dan is-suġġeriment.' ma' punt 58.3.13.

59.2.4 Il-Kunsill approva li l-minuti jiġu emendati kif mitlub mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara'.

59.2.5 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti oħra. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 59.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

59.3.1 <u>Para 57.4 - Karozzi vandalizzati fi Triq Sisner</u>
Is-SE sabet il-korrispondenza kollha li hemm dwar it-talba għal *yellow lines* li kienet saret mill-persunali qed tiġi akkużata bil-vandaliżmu tal-karozza, fejn qed jiġi kkonfermat li l-linji sofor li saru mal-ġenb tal-garaxx tiegħu saru skond it-talbal tiegħu stess u bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.4.1.1 <u>Laqgħa mal-WSC</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fis-27 ta' Diċembru 2018 kellu laqgħa urġenti l-WSC dwar is-servizzi tad-drenaġġ fil-Wied ta' Ħal Balzan. Is-Sindku qal li l-WSC kienu nfurmati li l-Kunsill lest li jagħlaq it-triq mingħajr ma jinbidlu is-servizzi tad-drenaġġ, minħabba d-dewmien. Is-Sindku nfurmhom li l-punt prinċipali ta' dan il-proġett huwa li jinbidlu s-servizzi u li l-Kunsill jesiġi li dawn jinbidlu, għax ikun inutli li ssir it-triq mingħajr ma jsiru servizzi ġodda.

59.4.1.2 F'dan ir-rigward is-Sindku kkonfermalhom li flimkien mal-WSC, il-Kunsill jibqa' jsostni li jinbidlu s-servizzi tad-drenaġġ. WSC infurmawh ukoll li mill-ewwel ġurnata sa tmiem il-proġett, kull *claim* fuq ħsarat li jsiru, il-Kunsill m'għandu l-ebda responsabbilta' u għalhekk għandhom jilmentaw ma' *Infrastructure Malta.*

59.4.2.1 <u>Laqgħa mal-kumpanija FACES dwar *bus shelters*</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li flimkien mas-SE, fl-10 ta' Jannar 2019 kellhom laqgħa ma' rappreżentanti tal-kumpanija FACES dwar *bus shelters.* F'din il-laqgħa, il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija ser tibda tieħu ħsieb id-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż l-applikazzjoni għal DNO) huma. Il-kumpanija FACES elenkaw lista tal-*bus stops* kollha f'Ħal Balzan, fejn hemm il-possibilta' li jiġu nstallati *bus shelters.*

59.4.2.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir applikazzjoni għall-*bus stops* kollha. Il-kumpanija FACES, bl-esperti tagħha tiddetermina l-*bus stops* li hemm spazju biżżejjed fejn jiġu nstallati.

59.4.3 <u>MOU – Inizjattiva Għotja ta' Demm</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li, fil-15 ta' Jannar 2019 ġie ffirmat il-MOU dwar Inizjattiva Għotja ta' Demm bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, iċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trafużjoni tad-Demm u diversi Kunsilli Lokali (inkluż il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan). L-għan ta' dan il-MOU huwa li jkun hemm aktar għarfien u inkoraġġiment fejn wieħed joħloq iniżjattivi fil-lokal ħalli jkun hemm aktar konkorrenza f'ċittadini li jmorru jagħtu d-demm.

59.4.4.1 <u>Problema tal-ħamiem</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li reġgħa qed ikun hawn invażjoni tal-ħamiem fil-lokalita' minħabba li xi persuni qed jerġgħu jitimgħuhom. Is-SE qalet li l-Gvern kellu joħroġ linji gwida dwar kif jiġu kkontrollati l-ħamiem. Is-Sindku jixtieq li l-Kunsill joħroġ *bye-law* dwar il-kontroll tal-ħamiem bħal ma' diġa' ħarġu diversi Kunsilli Lokali inkluż il-Kunsill Lokali Tas-Sliema.

59.4.4.2 Is-SE ser tiċċekkja l-proċedura li għandha tiġi adottata fuq ħruġ ta' *bye-laws,* biex din il-kwistjoni tkun tista' tiġi diskussa fid-dettall fil-laqgħa li jmiss.

## 59.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

59.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

59.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

59.6.2.1 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2018</u>

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

59.6.2.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament.

59.6.3.1 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2018</u>

Is-SE qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa . L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

59.6.3.2 Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018 u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE bħala dokument korrett.

59.6.4.1 <u>*Budget* 2019</u>

Il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2019, kif approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

59.6.4.2 Il-*Budget* għas-sena Finanzjarja 2019 ġie approvat unanimament.

59.6.5.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2019-2021</u>

Il-Pjan ta' Ħidma 2019-2021 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

59.6.5.2 Il-Kunsill unanimament approva l-Pjan ta' Ħidma għat-tliet snin 2019-2021.

## 59.7 *Performance Bonus* għas-sena 2018 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

59.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2018 fir-rigward tas-SE u l-ħaddiema klerikali.

59.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

59.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Uffiċjal Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju.

59.7.4 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivan. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju.

## 59.8 Pellegrinaġġ bil-vara titulari madwar il-lokalita'

59.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 saret il-laqgħa bejn il-Kunsill, il-pulizija u l-Kumitat organizzattiv ta' din l-attivita' biex jiġu diskussi l-permessi li hemm bżonn li jinħarġu. Is-SE infurmat lill-Kunsill li peress li din hija *one day event*, ir-responsabbilta' taqa' kollha fuq il-Kunsill u mhux il-pulizija.

59.8.2 Il-Maġġur Scicluna, li kien preżenti għal-laqgħa, ippropona xi kundizzjonijiet li għandhom jiġu segwiti, fosthom li jrid ikun hemm tal-inqas erba' (4) uffiċjali tal-pulizija mal-purċissjoni u numru ta' uffiċjali tal-komunita' jew uffiċjali tat-TM minn sagħtejn qabel tibda l-purċissjoni sabiex ineħħu l-vetturi li jibqgħu ipparkjati.

59.8.3 Is-SE infurmat li spejjeż relatati ma' din l-attivita' għandhom jiġu mħallsa minn l-organizzaturi.

59.8.4 Is-SE infurmat li l-Kunsill li waqt din il-laqgħa ġie konkluż li, l-Kumitat organizzattiv għandhom jippreparaw lista ta' toroq li se jkunu magħluqa dakinhar, sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob permess lill-TM. Għandhom jippreparaw ukoll, lista ta' toroq minn fejn mhux ser jitħallew vetturi jipparkjaw, sabiex isir l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern minn ħmistax qabel l-attivita'. Kif jiġi ppreparati dawn il-listi, terġgħa ssir laqgħa oħra mal-pulizija biex jiġi determinat in-numru ta' uffiċjali li se jkun hemm bżonn għal waqt l-attivita' u jiġu ffinalizzati l-kundizzjonijiet relatati ma' din l-attivita'.

**F'dan il-ħin (4.55pm) daħal il-Viċi Sindku Andre' Grech għal-laqgħa.**

## 59.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

59.9.1.1 <u>*Increment* – Skrivan tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-iskrivan tal-Kunsill fit-13 ta' Frar 2019 kien ser jagħlaq sentejn fl-impieg tiegħu u għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2019 kien imisshu jieħu t-tieni *increment* fis-salarju tiegħu.

59.9.1.2 Il-Kunsill unanimament approva biex l-iskrivan jieħu l-*increment* li jmiss fi Skala 15, minn Skala 15/4 għal Skala 15/5.

59.9.2.1 <u>Diżgwid bejn il-ħaddiema tal-RSSL assenjati mal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 17 ta' Jannar 2019 , inqala' diżgwid ikrah bejn iż-żewġ ħaddiema tal-RSSL assenjati mal-Kunsill. Is-SE qalet li l-għada, il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2019, saret laqgħa bejn il-ħaddiema, il-Kunsillier inkarigat mill-ħaddiema Joe Galea, il-*handyman* u s-SE bit-tentattiv li titranġa s-sitwazzjoni, pero' kien kollu inutli. Martin Fenech lest li jaħdem ma' Hector Fenech u jitkellmu biss fuq xogħol. Pero' Hector Camilleri, ma jridx jaħdem ma' Martin Fenech. Hemm bżonn li jiġi deċiż x'se jsir għax hija impossibbli li naħdmu b'żewġ ħaddiema ma jitkellmux bejniethom, speċjalment meta jkun hemm xogħlijiet li jirrikjedu li jaħdmu kollha flimkien.

59.9.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li idejalment titranġa s-sitwazzjoni għax ma jixtiequx li jitneħħa xi ħadd minnhom pero' jekk is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi, il-persuna li ma tridx tirranġa l-affarijiet għandha titlaq minn mal-Kunsill.

59.9.3.1 <u>Ċirkulari AKL 2019/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali għas-sena 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Din il-polza, tkopri kemm il-flus kontanti, ċekkijiet etċ kif ukoll tagħti protezzjoni jekk waqt xi inċident ta' serq ikun hemm ħaddiema li jġarbu xi forma ta' danni, kemm fiżiċi kif ukoll fuq affarjiet personali tagħhom.

59.9.3.2 Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel din il-polza. Is-SE ser tibgħat il-formola ta' reġistrazzjoni flimkien

mal-pagament ta' €65 minnufih peress li l-ħlas kellu jsir sal-lum.

59.9.4.1 Ċirkulari AKL 2019/004 – Laqgħa Plenarja – Għawdex 15/16 ta' Frar 2019
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/004 – Laqgħa Plenarja li ser issir f'Għawdex fil-15 u 16 ta' Frar 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

59.9.4.2 Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u s-SE. Is-SE se tibgħat il-formola ta' reġistrazzjoni, flimkien mal-pagament minnufih peress li l-ħlas irid isir sas-7 ta' Frar 2019.

59.9.5.1 Ċirkulari AKL 2019/006 – Sessjonijiet ta' taħriġ għall-*Fire Wardens* u kors bażiku ta' *First Aid*
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/006 – Sessjonijiet ta' taħriġ għall-*Fire Wardens* u kors bażiku ta' *First Aid* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

59.9.5.2 Għat-taħriġ tal-*Fire Warden* ser tattendi l-Uffiċjal Eżekuttiv u għat-taħriġ tal-*First Aid* ser jattendi l-iskrivan. Is-SE ser tibgħat il-formola ta' reġistrazzjoni flimkien mal-pagament minnufih peress li l-ħlas irid isir sal-31 ta' Jannar 2019.

59.9.6.1 Ġemellaġġ
Is-Sa Carla Ciscaldi mill-kumpanija EMCS Ltd (maħtura mir-Reġjun Ċentru biex tipprovdi s-servizz ta' espert estern għal taħriġ, sapport, identifikazzjoni ta' opportunitajiet fil-fondi tal-EU) infurmat lill-Kunsilli li jaqgħu taħt ir-Reġjun Ċentru li l-lokalita' ta' Kostenets fil-Bulgaria u l-lokalita' ta' Dorgicse fl-Ungeria qed ifittxu lokalita' biex jissieħbu f'Ġemellaġġ.

59.9.6.2 Wara li l-Kunsill baqgħa ma ħax risposta fuq il-ġemellaġġ mal-vilaġġ ta' Coye-la-Foret fi Franza, is-SE wara li nfurmat lill-Kunsill, irreġistrat l-interess tal-Kunsill għal dawn iż-żewġ opportunitajiet, bit-tama li wieħed minn dawn il-lokalitajiet juri interess li jikkollabora mal-lokalita' ta' Ħal Balzan.

59.9.7.1 *Concession for the separate collection of waste, paper, metal and glass from households from the locality of Ħal Balzan* – BLC 05/2018
Wara lis-SE talbet direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kif għandha tipproċedi, ġiet infurmata lid-Dipartiment għadu qed jistenna deċiżjoni finali dwar jekk għandix tinħareġ konċessjoni jew le. Is-SE talbet lid-Dipartiment għal direzzjoni dwar kif għandha tipproċedi sakemm jinħarġu l-istruzzjonijiet min-naħa tad-Dipartiment, peress li l-kuntratt preżenti jiskadi fil-5 ta' Frar 2019 infurmat lid-Dipartiment.

59.9.7.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li sal-lum ma rċivejniex risposta, u għalhekk, il-Kunsill unanimament qabel li jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali japprova, il-kuntratt preżenti jiġi estiż sa massimu ta' sena.

59.9.8.1 PA/11034/18 fi Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer
Wara li ġiet iċċekkjata l-applikazzjoni għall-żvilupp PA/11034/18, ġiet ipperparata l-ittra (annessa – Dok 2) biex tiġi sottomessa bħala oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

59.9.8.2 Ġie diskuss u approvata il-kontenut tal-ittra u l-Kunsill qabel li għandu jipproċedi billi joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

59.9.9.1 Restawr tan-niċċa fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Triq il-Providenza
Ġiet innutata r-risposta tas-sid dwar ir-restawr tan-niċċa li tinsab mal-faċċata tal-proprjeta' tiegħu. Il-Kunsill ilu jitlob *feedback* mingħand is-sid dwar f'hiex waslu x-xogħlijiet tar-restawr għax għal xi raġuni dawn qed jieħdu fit-tul wisq.

59.9.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li nieħdu parir legali dwar jekk il-Kunsill għandux dritt jinsisti fuq dan ir-restawr peress lin-niċċa hija proprejta' privata.

59.9.10.1 Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq iz-Zekkuk
Wara li fil-laqgħa li għaddiet ġie deċiż li titneħħa l-bankina li hemm taħt il-ħajt tas-sejjieħ, din il-bankina ma tneħħietx għax meta l-ħaddiema tal-Kunsill marru fuq il-post, ġie nnutat li jekk titneħħa l-bankina hemm ċans kbir li jaqa' l-ħajt tas-sejjieħ. Is-SE qalet li qed isir infurzar regolari u min qed jinqaba jipparkja fuq id-*double yellow line* qed jiġi mħarrek.

59.9.10.2 Il-Viċi Sindku qal li numru ta' residenti li għandhom il-garaxx f'*Orange Grove* qed jinsistu li titneħħa l-*parking*

*bay*. Għalhek ġie deċiż li din il-*parking bay* titneħħa bi prova għal perjodu ta' xahar. Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jara r-rispons tar-residenti u tittieħed deċiżjoni finali.

59.9.11.1 Talba biex tersaq tabella fi Triq it-Tliet Knejjes
Is-SE infurmat lill-Kunsill li resident qabad u ressaq it-tabella *'switch off engine'* bi ftit metri għax skond ir-resident fejn kienet, ma kinitx tagħmel sens. Ir-resident qed jitlob li tibqa' fejn ressaqha hu.

59.9.11.2 Din it-talba ma ġietx approvata u t-tabella għandha tersaq fil-post oriġinali tagħha.

## 59.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

59.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 1/19 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' €32,832.41c, li tinkludi l-ammont ta' €29.47c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

59.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre' Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 59.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.35pm.

59.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 21 ta' Frar 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 21 ta' Frar 2019.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

DOK 1.

## Balzan Local Council at Local Councils

**From:** Daniel Muscat Caruana [muscdan@gmail.com]
**Sent:** 20 January 2019 12:13
**To:** Balzan Local Council at Local Councils

Ghaziza Segretarja,

Sfortunatament inqalali meeting importanti tax-xoghol ghada fl-istess hin tal-laqgha u ma nistax nirranga mod iehor. Ghalekk ser ikolli nitlef kemm il-ftuh tat-tender kif ukoll il-laqgha tal-Kunsill.

Dejjem tieghek,
Daniel

Dok 2.

To whom it may concern,

An objection is being submitted against the proposed development in Triq l-Annunzjata c/w Triq Wigi Ebejer based on the following points:

- The site for the proposed development is located in close proximity to the Parish Church which is a Grade 1 Scheduled historic building. Even though it the proposed site does not fall within the Urban Conservation Area, the said area borders the site from two sides, on both streets. As the DC15 states in section 1.1.1 *"High-quality design is very often a site-specific solution that must be worked within the specificities of context."* In our opinion, the proposed design does not contribute positively to the urban sensitive area. Furthermore, section 1 of the DC15 states that the design should enrich the character of the existing context.
- Section 1.2 of the DC15 explains that a new design should respect and relate to its context, and the height proposed in this development does not relate in any way to the height of buildings in the Urban Conservation Area, and of adjacent facades.
- In section 2.1.2, table G2, the DC refers to the visual impact of development: *"Roofscapes are not only seen at street level but have long-distance implications. They should therefore be carefully studied and assessed"*. It is clear that no study was carried out as how the skyline of the village will be impacted once the development is completed. The proposed development will partially block the view of the Grade 1 Parish Church from Lija, Iklin, Naxxar and San Gwann.
- The DC15 focuses also on design transition solutions in section 2.3.2 and mentions edges of transition zones between *"the termination of an Urban Conservation Area (UCA) and the remaining development zone"*. The planning policy suggests that the height should not be higher than the height of the predominant buildings located within the stretch of the perimeter block with frontages in the UCA, *"so as not to visually dominate the streetscape"*. The scale of the proposed development clearly does not take this into consideration.
- Section 3.1.2 focuses on detached and semi-detached dwellings. The existing property on site is a semi-detached house with a garden adjoining Triq Wigi Ebejer. According to the policy, the design should take into consideration the *"contribution to a low-density and low-lying character"* and that the *"open space element"* should be respected.
- The mentioned garden of the property contains a number of trees, mainly citrus and olive trees. Similar applications aiming to destroy gardens in the core of the village have been refused based on the fact that old trees will be destroyed, and this should also be applied to the garden of this property. The garden also contains pre 1968 features.

Based on the above mentioned points, we believe that this application should be refused.